## Fl-Okkażjoni ta' Għeluq l-475 Sena tad-Dumnikani fil-Birgu

# Il-Knisja u l-Kunvent tal-Lunzjata

## Monument ta' l-Ordni Dumnikan f'din il-Belt

**kitba ta' Anton Attard**

Din is-sena qed infakkru l-475 sena mill-wasla ta' l-Ordni Dumnikan fil-Birgu. Saru ċelebrazzjonijiet xierqa biex ifakkru dan l-avveniment importanti. Minn barra l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanza reliġjuża vasta, waqt iċ-ċelebrazzjonijiet kienu preżenti wkoll l-ogħla awtoritajiet ċivili. Hekk kien xieraq, għax id-Dumnikani għandhom sehem mhux żgħir fit-tfassil, mhux biss ta' l-istorja ekkleżjastika ta' din il-belt, iżda wkoll f'dik soċjali u kulturali.

L-Ordni Dumnikan wasal Malta qrib l-1450 meta Fr. Pietro Zurki, mill-Imdina, membru tal-Kongregazzjoni tad-Dumnikani Osservanti ta' Sqallija, flimkien ma' żewġ patrijiet oħra, ġie lura Malta bl-għan li jdaħħal l-Ordni tiegħu f'art twelidu wkoll.

Bħalma kienu għamlu, għal diversi raġunijiet, il-Franġiskani, il-Karmelitani u l-Agostinjani snin qabel, Zurki u dawk li




*It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-koppla fit-12 ta' Ġunju 1924.*

ġew miegħu fittxew l-inħawi ta' l-Imdina. Lid-Dumnikani, l-Isqof Antonio de Alagona tahom xi oqsma flimkien ma' l-għar devot fir-Rabat, fejn jingħad li fih dehret il-Madonna. B'dawn f'idejhom, Patri Zurki u sħabu ħadmu u stinkaw ħafna. Fuq l-art li kisbu bnew knisja u kunvent li saru magħrufin, kif baqgħu sa llum, bħala *tal-Madonna ta' l-Għar*.

Minkejja l-qagħda xejn sabiħa ta' gżiritna f'dawk iż-żminijiet, billi minħabba l-faqar il-poplu ftit seta' jikkontribwixxi għaż-żamma ta' aktar reliġjużi milli kien hawn, l-għadd ta' żgħażagħ Maltin li bdew iħaddnu l-Ordni Dumnikan kiber ġmielu. Sa Marzu ta' l-1527 kien hemm tnax-il Dumnikan Malti fil-kunvent tar-Rabat u madwar ħdax oħra fi Sqallija.

## Il-Knisja u l-Konfraternità tal-Lunzjata tal-Birgu

Bħall-Imdina, li kienet il-belt prinċipali, dawk iż-żminijiet il-Birgu kellu l-importanza tiegħu wkoll. Fi xtut il-Birgu, għall-wens ta' Kastell Sant'Anġlu, kien isir il-biċċa l-kbira tan-negozju ta' dawn il-gżejjer. Hawn kienet tinħatt kull xorta ta' merkanzija li tasal fi gżiritna. Fl-istess ħin, il-padruni ta' l-iġfna u bċejjeċ oħra tal-baħar waqt li kienu jkunu hawn setgħu jagħmlu kull xorta ta' tiswijiet li jkollhom bżonn fid-diversi ħwienet tax-xogħol ta' mgħallmin mill-aqwa li kien hawn fl-istess inħawi. Għalhekk, ma setax jonqos li lejn il-Birgu ma jersqux joqogħdu nies ta' kull klassi bħal negozjanti, kaptani tax-xwieni, baħrin, ħaddiema ta' diversi snajja' u wkoll oħrajn li kienu jfittxu x-xogħol.

Għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom, xi knejjes ma naqsux; bl-akbar waħda tkun dik parrokkjali ta' San Lawrenz. Fost dawn, fl-istess post fejn hemm dik ta' llum, kien hemm il-Knisja ta' Santa Marija Annunzjata, dik il-ħabta, komunement magħrufa bħala *la Nunziata*. Kienet l-akbar u l-aħjar minn fost il-knejjes l-oħra, minkejja li kienet mingħajr kor u presbiterju. Knisja mingħajr arkati u kolonni, għalkemm, probabbilment, magħha seta' kien hemm kampnar b'żewġ sulari. Kellha bieb prinċipali żgħir u ieħor mal-ġenb li kien jagħti għall-bitħa. Is-saqaf kien ta' l-injam u l-altari kienu wieħed maġenb l-ieħor. Il-kwadru titulari kien impitter fuq l-injam. Dan aktarx kien l-istess wieħed li fil-Viżta Pastorali, li Mons. Duzina għamel fl-1575, ġie deskritt bħala qadim ħafna. Fih kien hemm il-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha. Mal-ġnub tiegħu kien hemm San Pawl u Santa Katarina V.M. Fin-naħa ta' fuq




*It-tqegħid ta' l-aħħar ġebla tal-koppla fit-28 ta' Ġunju 1824.*

kien hemm Kristu Msallab bil-Madonna ma' San Ġwann Evanġelista. Fuq naħa waħda tal-Kruċifiss tpittret il-Madonna u fuq in-naħa l-oħra l-Anġlu Gabriel.

Din il-knisja kienet f'idejn il-Konfraternità ta' Santa Marija, li kienet twaqqfet fiha u, aktar tard, approvata mill-Isqof Senatore de Mello fl-20 ta' Mejju ta' l-1445. L-imseħbin fil-konfraternità, bl-għan li jxerrdu l-qima lejn Sidtna Marija, kienu marbutin li jiċċelebraw f'din il-knisja l-festi kollha tal-Madonna, minbarra dik *tal-Kandlora*, li baqgħet tiġi ċċelebrata fil-knisja ta' Kastell Sant'Anġlu. Fil-konfraternità kien hemm imseħbin irġiel prominenti, pjuttost tat-tajjeb. Kellhom diversi obbligi, fosthom, minn barra li kienu marbutin li jħallsu għal żewġ quddisiet f'kull waħda mill-festi Marjani, fihom kellhom iqassmu wkoll inbid, frott u għotjiet oħra ta' karità lill-foqra.

## L-Ewwel Ordni Reliġjuż 'l bogħod mill-Imdina

Id-Dumnikani tar-Rabat, permezz ta' l-appostolat bla heda li bdew iwettqu mill-knisja u l-kunvent tagħhom, ġibdu l-ammirazzjoni ta' bosta, magħdud il-Birgu. Għalhekk, in-nies li kienu jgħammru hawn, fuq quddiem nett il-membri tal-Konfraternità tal-Lunzjata, talbu lid-Dumnikani biex jinżlu jaħdmu fosthom ukoll. Biex setgħu jagħmlu dan, b'sodisfazzjon għall-kappillan tal-parroċċa Dun Filippo de Guevara, offrewlhom il-knisja tal-Lunzjata li kienet amministrata minnhom. Min-naħa tagħhom, id-Dumnikani, ħerqanin li jifirxu ħidmiethom aktar, laqgħu l-istedina li saritilhom. Il-ftehim milħuq ġie affermat fit-12 ta' Ottubru ta' l-1527, b'Atti Pubbliċi magħmula min-Nutar Pietro d'Alaimo.

Fl-4 ta' Frar ta' l-1528, P. Andrea Gauci, P. Giovanni Mangion u P. Leone Darmanin, milqugħin minn tmienja u tletin minn fost l-aħjar nies tal-Birgu, flimkien ma' disgħin oħra li baqgħu ma ssemmewx, il-biċċa l-kbira membri tal-Konfraternità tal-Lunzjata, daħlu fil-knisja fost il-ferħ tal-miġemgħa waqt kant ta' innijiet sagri. Hawn ġie kkonfermat l-Att ta' Donazzjoni, li kien sar erba' xhur qabel. Ċerimonja sempliċi li ntemmet bil-kant tat-*Te Deum* ta' radd il-ħajr. Minn dakinhar, it-tliet Dumnikani msemmija waqqfu t-tieni dar tagħhom f'Malta u l-ewwel waħda ta' ordni reliġjuż fix-xagħliha ta' isfel ta' gżiritna, 'il bogħod mill-kenn li dik il-ħabta kienu joffru l-ħitan ta' l-Imdina.

## Il-Lunzjata Knisja Parrokkjali

Sentejn wara li l-knisja tal-Lunzjata kienet għaddiet għand id-Dumnikani, wasal Malta l-Ordni ta' San Ġwann. Il-kavallieri għażlu li joqogħdu l-Birgu u ħadu l-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz biex għamluha l-knisja konventwali tagħhom. B'hekk, il-kappillan Filippo de Guevara safa mingħajr minn fejn seta' jamministra s-sagramenti lill-parroċċani tiegħu. Għalhekk dan, bl-approvazzjoni tal-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien, beda jagħmel dan mill-Lunzjata, bil-kundizzjoni li jkunu mħarsa l-jeddijiet li kellhom id-Dumnikani fuqha.

Minkejja n-nuqqas ta' ftehim li ġieli nqala' bejn il-Komunità Dumnikana u Dun Anton Mangion u Dun Anton Vassallo, iż-żewġ kappillani li nħatru konsekuttivament wara l-mewt tal-Kappillan De Guevara, dwar il-jedd fuq il-knisja, il-patrijiet kienu dejjem sodi u kostanti fid-difiża tad-drittijiet tagħhom. Dan għamluh kemm quddiem il-Kurja ta' Malta u kemm f'Ruma. Iżda dan in-nuqqas ta' ftehim ma tellef xejn mill-appostolat li kienu jagħmlu fost in-nies tal-parroċċa. Anzi dan pjuttost żdied, għax bħala knisja parrokkjali bdiet tkun iffrekwentata aktar. Biex seta' jingħata servizz aħjar, żdiedu l-patrijiet. Sa l-1532, minn tlieta saru sitta. Ma' P. Leone Darmanin u P. Giovanni Mangion żdiedu P. Mikiel Darmanin, P. Nikol Bonavia u żewġ patrijiet oħra li kienu jġibu l-istess isem u kunjom – Pietru Pisani.



*Wieħed mill-kuriduri tal-kunvent wara li kien ġie rranġat wara l-ispluzjoni tal-porvlista f'Lulju ta' l-1806.*

Il-ħidma pastorali mingħajr heda fost il-parroċċani ġibdet ammirazzjoni mhux ftit lejn il-komunità. Il-benefatturi żdiedu u l-qagħda finanzjarja tad-dar tjiebet b'mod li ntemmet għal kollox id-dipendenza mill-kunvent tar-Rabat. Dan wassal biex fl-1536 id-Dar Lunzjata twaqqfet kunvent formali, taħt l-ewwel pirjol P. Pasquale minn Barletta. Fis-snin li ġew wara, l-għadd ta' patrijiet kompla joktor, fosthom żgħażagħ mill-Birgu. Minn ta' l-ewwel fost dawn insibu lil Giovanni Domenico u Gregorio jew Giorgio Bonnici, Antonio Abela, Mariano u Angelo Felici, Michele Darmanin, Antonio Zahra u oħrajn.

## Kunvent Xieraq fil-Birgu u Dar Ġdida fil-Belt

Biż-żieda fl-għadd ta' patrijiet, id-dar li kellha l-komunità ma' ġenb il-knisja ġiet żgħira wisq. Dehret il-ħtieġa li dawn ikollhom post xieraq fejn setgħu jgħixu aħjar ir-regola Dumnikana. Għalhekk il-patrijiet iddeċidew li jwaqqgħu d-dar li kellhom, flimkien ma' oħrajn qrib li, wara l-wasla tagħhom kienu kisbu magħha, u minflokhom itellgħu kunvent xieraq.

Ix-xogħol inbeda kmieni fl-1536. Probabbiment kienet ħadet ħsiebu l-Konfraternità tal-Lunzjata. Mexa bil-ħeffa, għax sa Settembru ta' sena wara, hemm indikazzjoni li kien diġà lest il-kjostru. F'Awissu ta' l-1542, kien lest id-dormitorju u sena wara, ir-refettorju. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien intemm għal kollox f'Awissu ta' l-1546. B'hekk aktar patrijiet setgħu jintlaqgħu fih. Wara li kien lest id-dormitorju, l-għadd ta' patrijiet fih laħaq kien erbatax.

Mal-medda tas-snin, il-kunvent kompla jitkabbar biex fih seta' jitwaqqaf studentat. B'saħħet hekk, kien hemm żmien meta fil-kunvent tal-Birgu, fost l-għalliema, kien hemm uħud mill-aktar Dumnikani għorrief li kellu l-Ordni f'Malta. Fuq quddiem insibu lill-Vittoriosan P. Bernardino Talavera, li kien Majjistru tat-Teoloġija u predikatur mill-aqwa. Daqstant ieħor kienu Melchiorre Theodorino u s-Senglean Giovanni Matteo Rispoli. Aktar tard, meta l-istudentat sar *Studium Generali* ġie mogħni b'letturi għorrief oħra, bħalma kienu l-Patrijiet Antonio, Gio Battista, Pietro u Domenico kollha Attard, Pietro Bajada u Girolamo Inglott.

Biż-żieda ta' patrijiet fil-Birgu, ħidmet id-Dumnikani fix-xaqliba ta' isfel ta' Malta setgħet tinfirex aktar, kif fil-fatt sar lejn nofs is-seklu sittax. Wara l-Assedju l-Kbir, il-Gran Mastru qatagħha li għandha tinbena belt/fortizza fuq l-għolja Xeberras. Fit-28 ta' Marzu 1566, tqiegħdet l-ewwel ġebla. Ħafna ħaddiema, li kienu jiffrekwentaw il-knisja tal-Lunzjata, bdew iħallu 'l Birgu biex imorru jaħdmu fil-belt il-ġdida. Lil dawn, id-Dumnikani tal-Birgu ma ħallewhomx għal riħhom. P. Damjan Taniana, pirjol tal-kunvent, beda jibgħat patrijiet biex iqaddsu u jamministraw fosthom is-sagramenti. Fil-bidu, kellhom kmajra li kienet mal-kappella ta' San Franġisk de Paola (maż-żmien, iddedikata lil Santa Luċija).

Wara li l-Ordni ta' San Ġwann tahom l-art, P. Damjan stinka biex tinbena dar u knisja żgħira, fejn marru jgħammru xi patrijiet mill-kunvent tal-Birgu. Minn hemm issuktaw ħidmiethom, mhux biss ma' dawk li kienu diġà jafuhom fil-Birgu, iżda wkoll ma' oħrajn ġodda, fosthom ħafna baħħara. Jista' jkun li dawn ta' l-aħħar ispiraw l-idea biex il-kunvent u l-knisja, li nbnew aktar tard, jiġu ddedikati lil Sidtna Marija Port tas-Salvazzjoni, jew kif ħadet fi lsien il-poplu u għadha sa llum – *ta' Portu Salvu.*

## Knisja b'Suritha Mibdula

Il-knisja tal-Lunzjata, li daħlu fiha l-ewwel Dumnikani, ma kellhiex iddum wisq fis-sura oriġinali tagħha. Wara li l-knisja ta' San Lawrenz spiċċat f'idejn l-Ordni, u l-Lunzjata saret il-knisja parrokkjali, mal-Konfraternità tal-Lunzjata fiha komplew żdiedu l-Fratellanzi tal-Kandlora, ta' Santa Barbara u ta' Santa Luċija. Kull waħda minn dawn waqfet fil-knisja kappella għaliha.

Mal-medda tas-snin, żdiedu oħrajn li bnew nies tat-tajjeb, kemm Maltin u kemm barranin. Giacomo Gulaterio, li kien minn Rodi, waqqaf kappella ġdida li ddedikaha lil *Santa Marija Maddalena.* Paolo Fiteni tella' oħra ddedikata lill-Qaddisin *Kosma u Damjan.* Ma' dawn komplew jinbnew oħrajn. Kien hemm ta' *Kristu Rxoxt* li ħallsu biex inbniet l-aħwa Girolamo u Antonio Caccialepre. Dik ta' *Ġesù-Marija*, li aktar tard, bdiet tissejjaħ ta' *Santa Marija.* Din kien ħallas biex inbniet Marciano Bonnici. Twaqqfet oħra ddedikata lill-*Viżitazzjoni* minn ċertu Anton Baldacchino u oħra ddedikata lit-*Twelid tal-Madonna*, magħrufa wkoll bħala *Tal-Grazzja.* Kien ħallas għaliha Giovanni Carlo de Avola. Flimkien ma' dawn, maż-żmien, żdiedu tlieta oħra: dik tas-*Salvatur*, li ħallsu biex inbniet Antonio Messina, dik tal-*Madonna tal-Ħniena* u oħra ddedikata lil *Sant'Ursula.* Ma setax jonqos li l-Komunità Dumnikana, fi knisja tagħha, ma tiħux ħsieb biex ikun hemm waħda ddedikata lil *San Duminku.*

Ta' importanza storika speċjali hi l-kappella tal-*Madonna tar-Rużarju* li flimkien ma'dik ta' San Duminku, baqgħu l-uniċi li żammew posthom fil-knisja ta' llum. L-ewwel kappella ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju twaqqfet qrib is-sena 1547, mill-Ispanjol Francesco Iniques. Dan, fis-27 ta' Frar ta' l-1581, ta l-permess tiegħu lill-membri tal-Konfraternità tar-Rużarju, li kienet twaqqfet fil-Lunzjata madwar għaxar snin qabel, biex jużawha għall-funzjonijiet tagħhom. Maż-żmien, spiċċat biex għaddiet għandhom għal kollox. Il-kwadru ta' din il-kappella kien xogħol l-artist Sqalli Girolamo Spagnuolo, li għal xi żmien kien jgħix il-Birgu. L-istoriku P. Mikiel Fsadni OP, f'kitbietu jsostni li, sa fejn hu magħruf, dan kien l-ewwel kwadru f'Malta, li fih, mal-Madonna tpittru l-ħmistax-il misteru tar-Rużarju.

Flimkien mal-kappelli msemmija, tul is-snin, komplew żdiedu xi altari wkoll. Wieħed ġie ddedikat lil Santa Margerita, ieħor lil San Vinċenz u oħrajn lil San Mark u lil San Pietru Martri.

## Il-Lunzjata Tinbena mill-Ġdid

Iż-żidiet imsemmija, li aktarx saru mingħajr ma ttieħdet konsiderazzjoni li tinżamm konformità ma' l-istil arkitettoniku tal-knisja tal-bidu, jidher li xejn ma kienu għal qalb uħud mill-membri tal-Komunità Dumnikana. Aktar u aktar meta, minn qrib l-1580, id-Dumnikani ħadu mill-ġdid l-amministrazzjoni esklussiva tal-knisja, wara li kappillan tal-Birgu reġa' lura fil-knisja ta' San Lawrenz. Għalhekk, lejn il-bidu tas-seklu sbatax, ġie deċiż li din tinħatt biex, skond kif jingħad, fuq xewqa ta' P. Giovanni Matteo Rispoli, titla oħra ġdida bi stil korintu. Dan ġie fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju ta' l-1638, meta l-Inkiżitur Mons. Fabio Chigi, li wara sar Papa Alessandru VII, bierek l-ewwel ġebla ta' knisja ġdida. Dsatax-il sena wara, kienet lesta u ġiet imbierka minn Mons. Michele Giovanni Balaguer Camarasa, Isqof ta' dawn il-gżejjer.

Mal-medda tas-snin, l-aktar mill-bidu tas-seklu dsatax, il-knisja l-ġdida rat fiha diversi alterazzjonijiet, wara li kemm-il darba ħtieġ li jsiru għadd ta' tiswijiet, speċjalment, meta f'Lulju ta' l-1806, splodiet il-porvlista li kien hemm taħt is-swar tal-bieb ewlieni tal-Birgu. Dakinhar, il-knisja ġarrbet ħsarat mhux żgħar, tant li kellha tinżamm magħluqa għal xi xhur. Infetħet wara li l-kolonni li fuqhom kien jistrieħ is-saqaf issaħħu b'sitt pilastri. Magħhom inbnew mill-ġdid l-arkati tal-kappelluni u nbidel is-saqaf.

Restawr u alterazzjonijiet estensivi oħra seħħew ħamsin sena wara. Fl-1864, taħt it-tmexxija ta' l-imgħallem Pawlu Attard, madwar ħames mitt voluntier, inklużi tfal, fi żmien tliet xhur għamlu dak, li għall-bidu, deher li kien impossibbli. Bennejja, mastrudaxxi u ħaddiema oħra ħadmu lejl u nhar biex bidlu għal kollox is-soqfa kollha, wara li bnew mill-ġdid il-ħitan li kienu jistrieħu fuqhom.

Biex ipattu għal din il-ġenerożità tan-nies tal-Birgu, fil-kunvent, il-patrijiet fetħu skola għat-tfal ta' l-inħawi, fejn it-tagħlim kien nieqes ħafna.

## Knisja b'Dehra Ġdida

Wara dan ix-xogħol estensiv, il-Lunzjata ħadet dehra ġdida għal kollox. Max-xogħlijiet artistiċi ta' Preti, Erardi, u Gafà, tul is-snin li ġew wara, kompliet stagħniet b'oħrajn minn Franġisku Zahra, Rafel Caruana, Ġanni Vella, Ġużeppi Calì u Lazzru Pisani. Flimkien ma' dawn, xogħlijiet diversi ta' skultura u karpenterija mill-Imgħallmin Decelis, Gonzi, Ellul, Merilli u F.S. Sciortino wasslu biex tkun waħda mill-aktar knejjes attraenti ta' żmienha.

Inġiebet f'għamla



*Waqt it-tberik fl-inawgurazzjoni tal-knisja l-ġdida tal-Lunzjata, mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, is-Sibt 23 ta' Ottubru 1854.*

ta' salib latin, twil 125 pied b'wisgħa ta' 64 pied. Fuq kull naħa ta' l-altar maġġur u l-kor kien hemm il-kappella tal-*Madonna tar-Rużarju* u dik iddedikata lil *San Nikola ta' Bari u San Antnin*. Il-kappelluni ġew iddedikati lil *San Duminku* (taħt it-titlu ta' *Soriano*) u lil *San Vinċenz Ferrer*. Ma' dawn kien hemm sitt altari: dak ta' *San Pietru Martri*, ta' *San Piu V*, ta' *Santa Luċija* u *San Gjaċint*, ta' *Santa Marija*, ta' *San Ġużepp* u dak ta' *Santa Katarina ta' Siena*.

Minkejja l-opri artistiċi li bihom iżżejnet, minhabba pariri kuntrarji ta' xi periti, il-Lunzjata kienet baqgħet mingħajr koppla. Iżda l-Perit Vittoriosan Gustav Soler kien ta' fehema differenti. Taħt is-superviżjoni tiegħu, fil-bidu ta' l-1925, bdiet tinbena waħda u, fi żmien seba' xhur, kienet lesta. Għaxar snin wara, il-Pittur famuż Ruman Gio Battista Conti beda x-xogħol tal-Pittura. Xogħol artistiku li ma kellu jitgawda qatt. Ftit xhur qabel ma kellu jinkixef, qamet il-gwerra. Il-bombi ta' l-għadu għamlu ħerba, mhux biss mill-koppla u l-pittura ta' Conti, iżda mil-Lunzjata kollha, flimkien mal-biċċa l-kbira tat-teżori artistiċi li kienet mogħnija bihom.

## Kunvent Imġedded

L-ewwel kunvent għadda mill-istess triq li għaddiet minnha l-knisja. Wara t-tibdil estensiv li sar fih, tista' tgħid li nbena mill-ġdid. Għalkemm uffiċjalment tħalla miktub li l-bini ta' l-ewwel kunvent kien tlesta f'Awissu ta' l-1546, xi żidiet u tibdil li l-ħtieġa għalihom bdiet tidher minn żmien għall-ieħor, jista' jingħad li baqgħu għaddejjin ma jaqtgħu xejn. Għaxar snin wara li tlesta, kien diġà nbena refettorju ġdid minflok dak li kienu għamlu fil-bidu. Aktar tard, wara għotjiet li l-komunità kisbet mingħand il-familja nobbli Testaferrata, il-kunvent kompla jitkabbar u jibdel surtu. Fost oħrajn, żdied dormitorju, u ftit wara, inbidlet il-faċċata ta' barra wkoll. Aktar tard, żdied novizzjat ġdid, inbidel il-kjostru u tellgħu swali u ċelel oħra ma' dawk li kien hemm.

Il-kunvent ra tibdil u żidiet oħra waqt li kien jissewwa mill-ħsarat li ġarrab wara l-isplużjoni tal-porvlista msemmija, f'Lulju ta' l-1806. L-għamla aħħarija tiegħu iddeskriviha tant tajjeb Prof. P. Indrì Vella OP fil-ktieb li ppubblika fl-1965, *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu*. Mid-deskrizzjoni tal-kittieb tikkonkludi li kien wieħed mill-isbaħ kunventi, mogħni bil-ħtiġijiet kollha li seta' jkollhom komunità reliġjuża.

Iżda f'Jannar u f'April ta' l-1942, dak li ħa tant snin biex twaqqaf inqered ħesrem, meta minnu ma fadalx għajr biċċa mill-faċċata ta' barra u borġ ġebel warajha, wara li ntlaqat mill-bombi ta' l-għadu, fit-Tieni Gwerra Dinjija.

## Mill-Palazz ta' l-Inkiżitur għall-Binjiet Ġodda ta' Llum

It-telfa ta' darhom ma żammetx lid-Dumnikani milli jkomplu ħidmiethom fil-belt li kienu ilhom fiha mijiet ta' snin. Wara ftit xhur, li tulhom ħadu kenn fil-kunvent tar-Rabat u f'dar f'Birkirkara, issuktaw ħidmiethom fil-Birgu mill-Palazz ta' l-Inkiżitur, biswit il-knisja u l-kunvent imġarrfin. Fih, għalkemm f'kundizzjonijiet xejn sbieħ, għamlu l-kunvent u l-knisja tagħhom. Minnu, għal aktar minn għaxar snin, komplew l-appostolat fost in-nies tal-Birgu, inkluż it-tagħlim tat-tfal, fl-iskola li l-Gvern fetaħ fl-Armerija, meta l-gwerra taffiet xi ftit. Ħidmiethom kompliet toktor meta żdiedu xi patrijiet wara li l-komunità, mal-Palazz ta' l-Inkiżitur, kisbet id-dar imdaqqsa Numru 5, Triq il-Ġdida (illum Triq P. Scicluna).

Kien ta' faraġ u sodisfazzjon, kemm għall-Komunità Dumnikana kif ukoll għal dawk li jfittxu l-għajnuna spiritwali tagħha, meta fis-27 ta' Lulju 1952, il-Provinċjal Esmond Klimeck OP iffunzjona waqt it-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-kunvent ta' llum. In-nies tal-

Kuntrattur Filip Grima, taht is-superviżjoni tal-Perit Edwin England Sant Fornier u l-assistent tiegħu Louis Mifsud, lestew ix-xogħol wara sentejn u tliet xhur. Ġie mbierek u inawgurat mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, is-Sibt, 23 ta' Ottubru 1954. Iżda billi kien għad jonqos li jintemmu xi xogħlijiet ma setgħux imorru jgħammru fih għal kollox qabel l-4 ta' Diċembru.

Bil-kunvent lest, il-ħidma ta' P. Rużar Spiteri OP, il-pirjol f'dak iż-żmien, daret lejn il-bini mill-ġdid tal-knisja. Nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu, 1955, l-Arċisqof Gonzi bierek l-ewwel ġebla ta' knisja ġdida, disinn ta' l-istess perit tal-kunvent.

Il-ħaddiema ta' l-Imgħallmin Pietru Farrugia, mis-Siġġiewi u Ġużeppi Borg, minn Birkirkara, ħadu ħames snin biex lestew ix-xogħol fdat lilhom mill-Komunità. Għalkemm il-kor ċkien xi ftit, il-korsija żammet il-qisien ta' dik ta' qabel il-gwerra, b'110 pied tul u 64 pied wisgħin u żdiedu fiha s-sekond'ordni u sitt koppletti, li l-antika ma kellhiex.

Ġiet inawgurata fl-20 ta' Awissu 1960, biċ-ċerimonja tat-tberik, mill-Provinċjal P. Serafin Zarb, ġimgħa qabel il-festa tal-Patrijarka San Dumniku. Erba' xhur wara, is-Sibt 3 ta' Diċembru, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi mexxa l-funzjoni tal-konsagrazzjoni.

Għalkemm sal-konsagrazzjoni, fil-knisja kienu laħqu dendlu biss il-kwadru titular u dak tal-kappella tar-Rużarju, xogħol Envin Cremona u dawk ta' San Duminku u ta' San Vinċenz fil-kappelluni, it-tnejn xogħol Ġanni Vella, il-kumplament ma damux ma sabu posthom ukoll. Frott il-ġenerożità ta' għadd ta' benefatturi, l-istess Vella kompla pitter il-kwadri tal-kappella ta' San Ġużepp, ta' San Pietru ta' Verona u ta' Santa Katarina minn Siena. Għal dawk ta' Santa Roża, ta' SanTumas, ta' San Piju V u l-kwadri laterali fil-kor ġie mqabbad il-Pittur Rafel Bonnici Calì.

Nawguraw li minn fuq il-knisja u l-kunvent ta' llum, b'dak kollu li sar fihom tul il-41 sena li ilhom weqfin, jgħaddu biss żminijiet sbieħ u qatt dawk ta' niket li għaddew minnhom dawk ta' qabilhom. Jalla għall-ġejjieni, ir-rabta ta' l-Ordni Dumnikan mal-Birgu tibqa' sħiħa u bla mittiefsa kif kienet tul l-475 sena mgħoddija. Ikun xieraq li dawk ta' warajna, bħalna u bħal dawk ta' qabilna, ikollhom ix-xorti li jduqu l-benna tal-ġid li jħalli fejn jersaq ir-raħeb tal-libsa mbierka bajda u sewda.

**Bibliografija**


M. Fsadni OP, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620*, Malta, 1974.

Prof. A.P. Vella OP, *Storja tal-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu*, Malta, 1965.

M. Fsadni OP, *The Dominicans f'Birgu A Maltese Maritime City* (Ed. L. Bugeja M., Buhagiar, S. Fiorini), Malta, 1993.

A. Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta, 1866.

D. Callus OP, *I Domenicani in Malta*, Malta, 1921.



**Bomba Confectionery**

**Prop. Michlene & Edgar Dimech**

**15D, Triq Desain, il-Birgu**

*Ħelu, Pastizzi, Pizza, Pasti u ħobż moħmija fl-istess jum.*

*Ikollna wkoll ġelati, minerali u xorb ieħor.*